

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

*Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji*

23.3.2007

PE 386.580v01-00

## EMENDI 14-78

**Abbozz ta' opinjoni**

**(PE 384.599v01-00)**

**Gilles Savary**

Proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 97/67/KE dwar it-tlestija kompleta tas-suq intern tas-servizzi postali tal-Komunità

Proposta għal direttiva (COM(2006)0594 – C6-0354/2006 – 2006/0196(COD))

Emenda mressqa minn Sahra Wagenknecht

Emenda 14

***Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji jistieden lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, bħala l-kumitat responsabbli, biex jipproponi r-rifjut tal-proposta tal-Kummissjoni.***

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Bil-liberalizzazzjoni sħiħa tas-servizzi postali, sett ieħor ta' servizzi ta' interess ġenerali fl-UE għandu jgħaddi għall-irwol ħieles tal-forzi tas-suq. Madankollu, b'mod differenti mis-sensjela ta' liberalizzazzjoni tal-passat, din ma theddix biss b'żiediet rapidi fil-prezzijiet; in-nuqqas ta' opportunitajiet ta' finanzi ifisser li hemm il-periklu li dan jillimita t-tweqqig ta' l-obbligi tas-servizz postali universali. Minħabba li s-settur postali huwa żona sensitiva ta' importanza kbira għaċ-ċittadini ta' l-Ewropa, huwa huwa importanti ħafna li jkollhom kopertura sħiħa u aċċess mhux ikkumplikat għas-servizzi tiegħu, liberalizzazzjoni ulterjuri tas-settur postali ma tistax tkun ġustifikata u għalhekk għandha tiġi rifjutata.*

Emenda mressqa minn Olle Schmidt

Emenda 15  
PREMESSA 3 A (ġdida)

*(3a) Dewmien ulterjuri tal-liberalizzazzjoni sħiħa jkun ta' ħsara kemm għan-negozju u kif ukoll għall-konsumaturi fl-UE. L-iżvilupp ta' sostituzzjoni, l-evoluzzjoni teknika u l-aġir tal-klijenti li qed jinbidel jikkontradixxu ż-żamma tal-monopolji eżistenti u tas-sussidji reċiproċi (cross-subsidies) fis-settur postali.*

Or. en

Emenda mressqa minn Bernhard Rapkay u Ieke van den Burg

Emenda 16  
PREMESSA 4

(4) Il-miżuri f'dan il-qasam għandhom ikunu maħsuba b'tali mod li l-kompiti li l-Artikolu 2 tat-Trattat tal-KE jassenja lill-Komunità, jiġifieri, li tippromwovi fil-Komunità kollha l-iżvilupp armonjuż, ibbilanċjat u sostenibbli ta' l-attivitajiet ekonomiċi, livell għoli ta' impjieg u ta' ħarsien soċjali, it- tkabbir sostenibbli li ma jkunx inflazzjonarju, grad għoli ta' kompetittività u konverġenza fl-operazzjoni ekonomika, it-titjib tal-livell ta' l-għajxien u tal-kwalità tal-ħajja u l-koeżjoni ekonomika u soċjali u s-solidarjetà bejn l-Istati Membri jikkostitwixxu għanijiet li għandhom jintlaħqu.

(4) Il-miżuri f'dan il-qasam għandhom ikunu maħsuba b'tali mod li l-kompiti li l-Artikolu 2 tat-Trattat tal-KE jassenja lill-Komunità, jiġifieri, li tippromwovi fil-Komunità kollha l-iżvilupp armonjuż, ibbilanċjat u sostenibbli ta' l-attivitajiet ekonomiċi, livell għoli ta' impjieg u ta' ħarsien soċjali, it- tkabbir sostenibbli li ma jkunx inflazzjonarju, grad għoli ta' kompetittività u konverġenza fl-operazzjoni ekonomika, it-titjib tal-livell ta' l-għajxien u tal-kwalità tal-ħajja u l-koeżjoni ekonomika u soċjali u s-solidarjetà bejn l-Istati Membri jikkostitwixxu għanijiet li għandhom jintlaħqu. ***B'mod partikulari, wieħed għandu jogħqod attent biex il-miżuri li jittieħdu f'dan il-qasam ma jwasslux għal kundizzjonijiet tax-xogħol instabbli. Għandhom jiġu żgurati kundizzjonijiet omoġenji għall-partekċipanti tas-suq kollha.***

Or. - {} - de

*Ġustifikazzjoni*

*Meta jinfetaħ is-suq għall-kompetizzjoni wieħed irid jiftakar li l-kundizzjonijiet tax-xogħol*

*jitolbu protezzjoni speċjali, partikolarment fir-rigward ta' l-istabilità ta' l-impjieg u tad-dħul. Hemm bżonn ikunu garantiti kondizzjonijiet ugwali għall-parteċipanti kollha tas-suq biex jiġu evitati distorsjonijiet ta' kompetizzjoni.*

Emenda mressqa minn Olle Schmidt

Emenda 17  
PREMESSA 4 A (ġdida)

***(4a) Is-swiegq postali Ewropej reċentement għaddew minn bidliet drammatiċi, żvilupp li ħa spinta permezz ta' l-avvanzi teknoloġiċi u ż-żieda fil-kompetizzjoni minħabba d-deregolamentazzjoni. Minħabba l-globalizzazzjoni, huwa importanti li wieħed jieħu pożizzjoni proattiva, favur l-iżvilupp sabiex ma nċaħħdux lilna nfusna u liċ-ċittadini tagħna mill-benefiċċji ta' bidliet bħal dawn.***

Or. en

Emenda mressqa minn Jean-Paul Gauzès

Emenda 18  
PREMESSA 7

(7) Skond id-Direttiva 97/96/KE, twestaq studju prospettiv li jistma, għal kull Stat Membru, l-impatt fuq is-servizz universali tat-tlestija kompleta tas-suq postali intern fl-2009. Il-Kummissjoni għamlet ukoll revizzjoni **dettaljata** tas-settur postali Komunitarju, inkluż il-kummissjonar ta' studji dwar l-iżviluppi ekonomiċi, soċjali u teknoloġiċi fis-settur u kkonsultat estensivament ma' partijiet interessati.

(7) Skond id-Direttiva 97/96/KE, twestaq studju prospettiv li jistma, għal kull Stat Membru, l-impatt fuq is-servizz universali tat-tlestija kompleta tas-suq postali intern fl-2009. Il-Kummissjoni għamlet ukoll revizzjoni tas-settur postali Komunitarju, inkluż il-kummissjonar ta' studji dwar l-iżviluppi ekonomiċi, soċjali u teknoloġiċi fis-settur u kkonsultat estensivament ma' partijiet interessati. **Madankollu, se tkun neċessarja aktar konsultazzjoni estensiva biex wieħed jifhem l-impatt fuq l-impjieg u l-koeżjoni soċjali u territorjali tat-tlestija kompleta tas-suq intern.**

Or. fr

## Ġustifikazzjoni

*Minħabba kamp ta' applikazzjoni wiesa' tal-kwistjonijiet involuti fit-tlestija kompleta tas-suq postali intern, il-Kummissjoni għandha tistudja b'aktar reqqa l-impatt tal-liberalizzazzjoni fuq l-impjeg u l-koeżjoni soċjali u territorjali.*

Emenda mressqa minn Olle Schmidt

### Emenda 19 PREMESSA 7

(7) Skond id-Direttiva 97/96/KE, twestaq studju prospettiv li jistma, għal kull Stat Membru, l-impatt fuq is-servizz universali tat-tlestija kompleta tas-suq postali intern fl-2009. Il-Kummissjoni għamlet ukoll reviżjoni dettaljata tas-settur postali Komunitarju, inkluż il-kummissjonar ta' studji dwar l-iżviluppi ekonomiċi, soċjali u teknoloġiċi fis-settur u kkonsultat estensivament ma' partijiet interessati.

(7) Skond id-Direttiva 97/96/KE, twestaq studju prospettiv li jistma, għal kull Stat Membru, l-impatt fuq is-servizz universali tat-tlestija kompleta tas-suq postali intern fl-2009. Il-Kummissjoni għamlet ukoll reviżjoni dettaljata tas-settur postali Komunitarju, inkluż il-kummissjonar ta' studji dwar l-iżviluppi ekonomiċi, soċjali u teknoloġiċi fis-settur u kkonsultat estensivament ma' partijiet interessati. ***Is-swieq postali Ewropej għaddew minn bidliet drammatiċi fis-snin reċenti, żvilupp li ħa spinta permezz ta' l-avvanzi teknoloġiċi u ż-żieda fil-kompetizzjoni minħabba d-deregolamentazzjoni. Minħabba l-globalizzazzjoni, huwa importanti li wieħed jieħu pożizzjoni proattiva, favur l-iżvilupp sabiex ma nċaħħdux lilna nfusna u liċ-ċittadini tagħna mill-benefiċċji ta' bidliet bħal dawn.***

Or. en

Emenda mressqa minn Katerina Batzeli

### Emenda 20 PREMESSA 7

(7) Skond id-Direttiva 97/96/KE, twestaq studju prospettiv li jistma, għal kull Stat Membru, l-impatt fuq is-servizz universali tat-tlestija kompleta tas-suq postali intern fl-2009. Il-Kummissjoni għamlet ukoll reviżjoni dettaljata tas-settur postali

(7) Skond id-Direttiva 97/96/KE, twestaq studju prospettiv li jistma, għal kull Stat Membru, l-impatt fuq is-servizz universali tat-tlestija kompleta tas-suq postali intern fl-2009. Il-Kummissjoni għamlet ukoll reviżjoni dettaljata tas-settur postali

Komunitarju, inkluż il-kummissjonar ta' studji dwar l-iżviluppi ekonomiċi, soċjali u teknoloġiċi fis-settur u kkonsultat estensivament ma' partijiet interessati.

Komunitarju, inkluż il-kummissjonar ta' studji dwar l-iżviluppi ekonomiċi, soċjali u teknoloġiċi fis-settur u kkonsultat estensivament ma' partijiet interessati.

***Madankollu, sabiex wieħed ikun jista' jifhem b'mod dettaljat il-konsegwenzi kollha tat-tlestija kompleta tas-suq intern fuq l-impjieg u l-koeżjoni soċjali u territorjali hemm bżonn ta' konsultazzjoni usa' mal-partijiet interessati.***

Or. en

#### *Ġustifikazzjoni*

*Minħabba l-implikazzjonijiet tal-ftuħ sħiħ tas suq fis-settur postali, il-Kummissjoni għandha twettaq studju dettaljat dwar l-impatt tal-liberalizzazzjoni fuq l-impjieg u l-koeżjoni soċjali u territorjali.*

Emenda mressqa minn Jean-Paul Gauzès

#### Emenda 21 PREMESSA 8

(8) Skond l-istudju prospettiv, l-għan bażiku għas-salvagwardja tal-provvista sostenibbli ta' servizz universali li taqbel mal-kondizzjonijiet ta' kwalità definiti mill-Istati Membri skond id-Direttiva 97/67/KE ***jista'*** jkun żgurat fil-Komunità kollha sa l-2009 mingħajr ***il-ħtieġa ta'*** żoni riżervati.

(8) Skond l-istudju prospettiv, ***u b'mod partikulari rigward is-soluzzjonijiet ta' finanzjament alternattiv***, l-għan bażiku għas-salvagwardja tal-provvista sostenibbli ta' servizz universali li taqbel mal-kondizzjonijiet ta' kwalità definiti mill-Istati Membri skond id-Direttiva 97/67/KE ***ma jistax*** ikun żgurat fil-Komunità kollha sa l-2009 mingħajr ***il-ħtieġa ta'*** żoni riżervati ***għal dawk l-Istati Membri fejn dan il-metodu ta' finanzjament jirriżulta neċessarju.***

Or. fr

#### *Ġustifikazzjoni*

*Sakemm il-Kummissjoni ma twettaqx reviżjoni dettaljata tal-metodi ta' finanzjament għas-servizz universali, u minħabba d-diffikultajiet li kellhom jaffaċċjaw ċerti Stati Membri, iż-żoni riżervati ma jistgħux jiġu esklużi bħala metodu ta' finanzjament tas-servizz universali.*

Emenda mressqa minn Katerina Batzeli

Emenda 22  
PREMESSA 8

(8) Skond l-istudju prospettiv, l-għan bażiku għas-salvagwardja tal-provvista sostenibbli ta' servizz universali li taqbel mal-kondizzjonijiet ta' kwalità definiti mill-Istati Membri skond id-Direttiva 97/67/KE jista' jkun żgurat fil-Komunità kollha sa l-2009 mingħajr **il-ħtieġa ta'** żoni riżervati.

(8) Skond l-istudju prospettiv, **u b'mod partikulari l-iżviluppi dwar soluzzjonijiet ta' finanzjament alternattiv**, l-għan bażiku għas-salvagwardja tal-provvista sostenibbli ta' servizz universali li taqbel mal-kondizzjonijiet ta' kwalità definiti mill-Istati Membri skond id-Direttiva 97/67/KE **ma jistax** ikun żgurat fil-Komunità kollha sa l-2009 mingħajr **il-ħtieġa ta'** żoni riżervati **għal dawk l-Istati Membri fejn dan il-finanzjament ikun għadu neċessarju**.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Iż-żoni riżervati m'għandhomx jiġu esklużi mill-finanzjament ta' l-obbligi tas-servizz universali sakemm il-Kummissjoni ma tkunx wettqet studju komplet fil-metodi ta' finanzjament.*

Emenda mressqa minn Jean-Paul Gauzès

Emenda 23  
PREMESSA 9

(9) Bil-ftuħ gradwali u progressiv tas-swieq postali għall-kompetizzjoni, il-fornituri tas-servizz universali kellhom biżżejjed żmien biex iwettqu miżuri ta' modernizzazzjoni u u ristrutturar meħtieġa biex jiggarrantixxu l-vijabilità tagħhom għat-tul fil-kondizzjonijiet il-ġodda tas-suq, kif ukoll ippermetta lill-Istati Membri biex jadattaw is-sistemi ta' regolamentazzjoni tagħhom għal ambjent iżjed miftuħ. **Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu japprofittaw mill-perjodu tat-traspożizzjoni kif ukoll miż-żmien neċessarju għall-introduzzjoni ta' kompetizzjoni effettiva**, biex ikomplu, jekk ikun il-każ, bil-modernizzazzjoni u r-ristrutturar tal-fornituri tas-servizz universali.

(9) *Il-ftuħ* gradwali u progressiv tas-swieq postali għall-kompetizzjoni, **ma pprovidiex biżżejjed żmien** lill-fornituri tas-servizz universali **kollha** biex iwettqu miżuri ta' modernizzazzjoni u ristrutturar meħtieġa biex jiggarrantixxu l-vijabilità tagħhom għat-tul fil-kondizzjonijiet il-ġodda tas-suq, **u ma ppermettiex** lill-Istati Membri **kollha** biex jadattaw is-sistemi ta' regolamentazzjoni tagħhom għal ambjent iżjed miftuħ. **Minħabba iż-żmien** neċessarju għall-introduzzjoni ta' **kundizzjonijiet omoġenji**, u biex ikomplu, jekk ikun il-każ, bil-modernizzazzjoni u r-ristrutturar tal-fornituri tas-servizz universali, **l-Istati Membri li jqisu li huwa neċessarju jistgħu japprofittaw mill-opportunità li jipposponu**

***l-iskadenza ta' l-2009 għat-tlestija kompleta tas-suq intern.***

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Sakemm il-Kummissjoni ma twettaqx reviżjoni dettaljata tal-metodi ta' finanzjament għas-servizz universali, u minħabba d-diffikultajiet li kellhom jaffaċċjaw ċerti Stati Membri, iż-żoni riżervati ma jistgħux jiġu esklużi bħala metodu ta' finanzjament tas-servizz universali.*

Emenda mressqa minn Katerina Batzeli

Emenda 24  
PREMESSA 9

(9) Bil-ftuħ gradwali u progressiv tas-swieq postali għall-kompetizzjoni, il-fornituri tas-servizz universali kellhom biżżejjed żmien biex iwettqu miżuri ta' modernizzazzjoni u u ristrutturar meħtieġa biex jiggarantixxu l-vijabilità tagħhom għat-tul fil-kondizzjonijiet il-ġodda tas-suq, kif ukoll ippermetta lill-Istati Membri biex jadattaw is-sistemi ta' regolamentazzjoni tagħhom għal ambjent iżjed miftuħ. **Barra minn hekk**, l-Istati Membri jistgħu japprofittaw mill-perjodu tat-traspożizzjoni kif ukoll miż-żmien neċessarju għall-introduzzjoni ta' kompetizzjoni effettiva, biex ikomplu, jekk ikun il-każ, bil-modernizzazzjoni u r-ristrutturar tal-fornituri tas-servizz universali.

(9) *Il-ftuħ* gradwali u progressiv tas-swieq postali għall-kompetizzjoni, **ma pprovidiex biżżejjed żmien** lill-fornituri tas-servizz universali **kollha** biex iwettqu miżuri ta' modernizzazzjoni u ristrutturar meħtieġa biex jiggarantixxu l-vijabilità tagħhom għat-tul fil-kondizzjonijiet il-ġodda tas-suq, **u ma ppermettiex** lill-Istati Membri **kollha** biex jadattaw is-sistemi ta' regolamentazzjoni tagħhom għal ambjent iżjed miftuħ. **Minħabba ż-żmien neċessarju għall-introduzzjoni ta' kundizzjonijiet omoġenji, u biex ikomplu bil-modernizzazzjoni u r-ristrutturar tal-fornituri tas-servizz universali**, l-Istati Membri jistgħu japprofittaw mill-opportunità **ta' posponiment tad-data tat-tlestija kompleta tas-suq intern.**

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Iż-żoni riżervati m'għandhomx jiġu esklużi mill-finanzjament ta' l-obbligi tas-servizz universali sakemm il-Kummissjoni ma tkunx wettqet studju komplet fil-metodi ta' finanzjament.*

Emenda mressqa minn Katerina Batzeli

Emenda 25  
PREMESSA 10

(10) L-istudju prospettiv *juri li ż-żona* riżervata ma għandhiex tikkostitwixxi *s-soluzzjoni ppreferuta għall-finanzjament tas-servizz* universali. *Din il-valutazzjoni tqis l-interess tal-Komunità u l-Istati Membri tagħha fit-tlestija tas-suq intern u l-potenzjal tagħha biex tiġġenera tkabbir ekonomiku u toħloq l-impjiegi, kif ukoll tiggarrantixxi d-disponibilità ta' servizz effiċjenti ta' interess ekonomiku ġenerali għall-konsumaturi kollha. Għaldaqstant, jixraq li d-data ta' l-1 ta' Jannar 2009 tkun ikkonfermata bħala l-aħħar pass fit-tlestija tas-suq intern tas-servizzi postali.*

(10) L-istudju prospettiv *ma jurix li ż-żamma ta'* żona riżervata ma għandhiex tikkostitwixxi *għażla ta'* finanzjament *għas-servizz* universali. *Għalhekk huwa neċessarju li wieħed jikkunsidra l-benefiċċji f'termini ta' effiċjenza ekonomika, ċertezza legali, u newtralità tal-baġit, u kif ukoll li jiġu definiti metodi ta' finanzjament alternattivi li jirrispondu għall-istess għanijiet.*

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Iż-żoni riżervati m'għandhomx jiġu esklużi mill-finanzjament ta' l-obbligi tas-servizz universali sakemm il-Kummissjoni ma tkunx wettqet studju komplet fil-metodi ta' finanzjament.*

Emenda mressqa minn Jean-Paul Gauzès

Emenda 26  
PREMESSA 10

(10) ) L-istudju prospettiv *juri li ż-żona* riżervata ma għandhiex tikkostitwixxi *s-soluzzjoni ppreferuta għall-finanzjament tas-servizz* universali. *Din il-valutazzjoni tqis l-interess tal-Komunità u l-Istati Membri tagħha fit-tlestija tas-suq intern u l-potenzjal tagħha biex tiġġenera tkabbir ekonomiku u toħloq l-impjiegi, kif ukoll tiggarrantixxi d-disponibilità ta' servizz effiċjenti ta' interess ekonomiku ġenerali għall-konsumaturi kollha. Għaldaqstant, jixraq li d-data ta' l-1 ta' Jannar 2009 tkun ikkonfermata bħala l-aħħar pass fit-tlestija*

(10) L-istudju *prospettiv ma jurix li ż-żamma ta'* żona riżervata ma għandhiex tikkostitwixxi *għażla ta'* finanzjament *għas-servizz* universali. *Fin-nuqqas ta' analiżi minn qabel, il-benefiċċji ta' żona riżervata f'termini ta' effiċjenza ekonomika, ċertezza legali u newtralità tal-baġit għandhom għalhekk jiġu kkunsidrati u metodi ta' finanzjament alternattivi li jissodisfaw l-istess kriterji għandhom jiġu definiti.*



*tas-suq intern tas-servizzi postali.*

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Sakemm il-Kummissjoni ma twettaqx reviżjoni dettaljata tal-metodi ta' finanzjament għas-servizz universali, u minħabba, iż-żoni riżervati ma jistgħux jiġu esklużi.*

Emenda mressqa minn Olle Schmidt

Emenda 27

PREMESSA 10 A (ġdida)

*(10a) Jekk is-servizz universali għandu jinżamm u jiġi ffinanzjat mingħajr sussidji statali qawwija, is-suq għandu jiġi liberalizzat u l-fornituri tas-servizz għandhom jitħallew joperaw u jikkompetu f'kundizzjonijiet omoġenji. Dan mhux se jkun il-każ sakemm it-termini jvarjaw minħabba l-fatt li wħud mill-Istati Membri l-antiki ħadu azzjoni meta d-direttiva postali kienet ġiet adottata, filwaqt li oħrajn ma rnexxilhomx jieħdu l-passi neċessarji biex jippreparaw għall-approċċ gradwali u kkontrollat tal-liberalizzazzjoni.*

Or. en

Emenda mressqa minn Katerina Batzeli

Emenda 28

PREMESSA 12

(12) Il-ftuħ **komplet** tas-swieq postali se jgħinjom jstandu d-daqs globali tagħhom; se tkompli tikkontribwixxi wkoll biex l-impjegi jibqgħu sostenibbli u ta' kwalità fi ħdan il-fornituri tas-servizz universali kif ukoll se tiffaċilita l-ħolqien ta' impjegi ġodda f'operaturi oħrajn, f'dawk li daħlu fis-suq għall-ewwel darba u fis-setturi ekonomiċi assoċjati. Din id-Direttiva hija bla ħsara għall-kompetenzi ta' l-Istati Membri

(12) Il-ftuħ **progressiv** tas-swieq postali se jgħinjom jstandu d-daqs globali tagħhom; se tkompli tikkontribwixxi wkoll, **taħt kundizzjonijiet li jiżguraw newtralità kompetittiva**, biex l-impjegi jibqgħu sostenibbli u ta' kwalità fi ħdan il-fornituri tas-servizz universali kif ukoll se tiffaċilita l-ħolqien ta' impjegi ġodda f'operaturi oħrajn, f'dawk li daħlu fis-suq għall-ewwel darba u fis-setturi ekonomiċi assoċjati. Din id-

biex jirregolaw il-kundizzjonijiet ta' l-impjiegi fis-settur tas-servizzi postali.

Direttiva hija bla ħsara għall-kompetenzi ta' l-Istati Membri biex jirregolaw il-kundizzjonijiet ta' l-impjiegi fis-settur tas-servizzi postali.

Or. en

#### *Ġustifikazzjoni*

*Il-ftuħ ta' suq ibbażat fuq newtralità kompetittiva se jikkontribwixxi b'mod pożittiv għaż-żamma tal-kwalità u l-kundizzjonijiet tax-xogħol.*

Emenda mressqa minn Jean-Paul Gauzès

#### Emenda 29 PREMESSA 17

(17) Fid-dawl ta' l-istudji mwettqa u bil-għan li jitqanqal il-potenzjal **sħiħ** tas-suq intern tas-servizzi postali, jixraq li **jintemm l-użu taż-żoni** riżervati u d-drittijiet speċjali bħala mod kif jiġi garantit il-finanzjament tas-servizz universali.

(17) Fid-dawl ta' l-istudji mwettqa u bil-għan li **jiġi żgurat finanzjament sostenibbli u garantit tas-servizz universali filwaqt** li jitqanqal il-potenzjal sħiħ tas-suq intern tas-servizzi postali, jixraq li **tinżamm l-għażla ta'** żoni riżervati u drittijiet speċjali bħala mod kif jiġi garantit il-finanzjament tas-servizz universali **għall-Istati Membri li jqisuha neċessarja**.

Or. fr

#### *Ġustifikazzjoni*

*Sakemm il-Kummissjoni ma twettaqx reviżjoni dettaljata tal-metodi ta' finanzjament għas-servizz universali, u minħabba d-diffikultajiet li kellhom jaffaċċjaw ċerti Stati Membri, iż-żoni riżervati ma jistgħux jiġu esklużi.*

Emenda mressqa minn Katerina Batzeli

#### Emenda 30 PREMESSA 17

(17) Fid-dawl ta' l-istudji mwettqa u bil-għan li jitqanqal il-potenzjal sħiħ tas-suq intern tas-servizzi postali, jixraq li **jintemm l-użu taż-żoni** riżervati u d-drittijiet speċjali bħala mod kif jiġi garantit il-finanzjament tas-

(17) Fid-dawl ta' l-istudji mwettqa u bil-għan li **jiġi żgurat il-finanzjament fit-tul tas-servizz universali filwaqt** li jitqanqal il-potenzjal sħiħ tas-suq intern tas-servizzi postali, jixraq li **jinżamm l-użu taż-żoni**

servizz universali.

riżervati u d-drittijiet speċjali bħala mod kif jiġi garantit il-finanzjament tas-servizz universali *f'dawk l-Istati Membri li jqisuh neċessarju.*

Or. en

### *Ġustifikazzjoni*

*Iż-żoni riżervati m'għandhomx jiġu esklużi mill-finanzjament ta' l-obbligi tas-servizz universali sakemm il-Kummissjoni ma tkunx wettqet studju komplet fil-metodi ta' finanzjament.*

Emenda mressqa minn Renato Brunetta and Gabriele Albertini

### Emenda 31 PREMESSA 18

(18) Il-finanzjament estern ta' l-ispejjeż residwi netti għad jista' jkun meħtieġ għal xi Stati Membri. Għalhekk, jixraq li jiġu speċifikati biċ-ċar, safejn hu neċessarju u ġustifikat adegwatament, l-alternattivi disponibbli għall-finanzjament tas-servizz universali, filwaqt li lill-Istati Membri tiġħallielhom l-għażla tal-mekkaniżmi finanzjarji li għandhom jintużaw. Dawn l-alternattivi jinkludu l-użu ta' proċeduri ta' akkwist pubbliku u, kull meta l-obbligi ta' servizz universali jinvolvu spejjeż netti u jirrappreżentaw piż inġust għall-impriża nnominata, kumpens pubbliku u qsim ta' l-ispejjeż bejn il-fornituri u/jew konsumaturi, f'modi trasparenti u permezz ta' kontribuzzjonijiet lejn fond ta' kumpens. ***L-Istati Membri jistgħu jużaw mezz oħra ta' finanzjament permessi mid-Dritt Komunitarju, pereżempju billi jiddeċiedu li l-profitti maqluġha minn attivitajiet oħra tal-fornituri tas-servizz universali barra mill-ambitu tas-servizzi universali għandhom imorru, totalment jew parzjalment, għall-finanzjament ta' l-ispejjeż netti tas-servizz universali, dejjem sakemm dawn ikunu kompatibbli ma' din id-Direttiva.***

(18) Il-finanzjament estern ta' l-ispejjeż residwi netti għad jista' jkun meħtieġ għal xi Stati Membri. Għalhekk, jixraq li jiġu speċifikati biċ-ċar, safejn hu neċessarju u ġustifikat adegwatament, l-alternattivi disponibbli għall-finanzjament tas-servizz universali, filwaqt li lill-Istati Membri tiġħallielhom l-għażla tal-mekkaniżmi finanzjarji li għandhom jintużaw. Dawn l-alternattivi jinkludu l-użu ta' proċeduri ta' akkwist pubbliku u, kull meta l-obbligi ta' servizz universali jinvolvu spejjeż netti u jirrappreżentaw piż inġust għall-impriża nnominata, kumpens pubbliku u qsim ta' l-ispejjeż bejn il-fornituri u/jew konsumaturi, f'modi trasparenti u permezz ta' kontribuzzjonijiet lejn fond ta' kumpens.

## Ġustifikazzjoni

*The text proposed by the Commission would enable the Member States to stipulate that losses deriving from universal service should be financed from profits made from activities other than the universal service. Clearly, this would distort the normal functioning of the markets, as it would preclude the universal service provider from being able to operate in various markets in the way that regular economic operators can, by using profits derived from activities other than universal service to invest in innovation and development.*

*Furthermore, a provision of this kind is not consistent with the rules on accounting separation, which were introduced precisely in order to evaluate the burden of universal service and its funding.*

Emenda mressqa minn Jean-Paul Gauzès

Emenda 32  
PREMESSA 18

(18) Il-finanzjament estern ta' l-ispejjeż residwi netti għad jista' jkun meħtieġ għal xi Stati Membri. Għalhekk, jixraq li jiġu speċifikati biċ-ċar, safejn hu neċessarju u ġustifikat adegwatament, l-alternattivi disponibbli għall-finanzjament tas-servizz universali, filwaqt li lill-Istati Membri titħallielhom l-għażla tal-mekkaniżmi finanzjarji li għandhom jintużaw. Dawn l-alternattivi jinkludu l-użu ta' proċeduri ta' akkwist pubbliku u, kull meta l-obbligi ta' servizz universali jinvolvu spejjeż netti u jirrappreżentaw piż inġust għall-impriża nnominata, kumpens pubbliku u qsim ta' l-ispejjeż bejn il-fornituri u/jew konsumaturi, f'modi trasparenti u permezz ta' kontribuzzjonijiet lejn fond ta' kumpens. ***L-Istati Membri jistgħu jużaw mezzi oħra ta' finanzjament permessi mid-Dritt Komunitarju, pereżempju billi jiddeċiedu li l-profitti maqlugħa minn attivitajiet oħra tal-fornituri tas-servizz universali barra mill-ambitu tas-servizz universali għandhom imorru, totalment jew parzjalment, għall-finanzjament ta' l-ispejjeż netti tas-servizz universali, dejjem sakemm dawn ikunu kompatibbli ma' din id-***

(18) Il-finanzjament estern ta' l-ispejjeż residwi netti għad jista' jkun meħtieġ għal xi Stati Membri. Għalhekk, jixraq li jiġu speċifikati biċ-ċar, safejn hu neċessarju u ġustifikat adegwatament, l-alternattivi disponibbli għall-finanzjament tas-servizz universali, filwaqt li lill-Istati Membri titħallielhom l-għażla tal-mekkaniżmi finanzjarji li għandhom jintużaw. Dawn l-alternattivi jinkludu ***ż-żamma ta' żona riservata***, l-użu ta' proċeduri ta' akkwist pubbliku u, kull meta l-obbligi ta' servizz universali jinvolvu spejjeż netti u jirrappreżentaw piż inġust għall-impriża nnominata, kumpens pubbliku u qsim ta' l-ispejjeż bejn il-fornituri u/jew konsumaturi, f'modi trasparenti u permezz ta' kontribuzzjonijiet lejn fond ta' kumpens. L-Istati Membri jistgħu jużaw mezzi oħra ta' finanzjament permessi *mil-liġi Komunitarja*, sakemm dawn ikunu kompatibbli ma' din id-Direttiva.

*Ġustifikazzjoni*

*Sakemm il-Kummissjoni ma twettaqx reviżjoni dettaljata tal-metodi ta' finanzjament għas-servizz universali, u minħabba d-diffikultajiet li kellhom jaffaċċjaw ċerti Stati Membri, iż-żoni riżervati ma jistgħux jiġu esklużi.*

*Barra minn hekk, ir-referenza għas-sussidji reċiproċi (cross-subsidies) għandha titneħħa billi f'ambjent dejjem aktar kompetittiv din hija spiża inġusta għa dak il-fornitur tas-servizz.*

Emenda mressqa minn Katerina Batzeli

Emenda 33  
PREMESSA 18

(18) Il-finanzjament estern ta' l-ispejjeż residwi netti għad jista' jkun meħtieġ għal xi Stati Membri. Għalhekk, jixraq li jiġu speċifikati biċ-ċar, safejn hu neċessarju u ġustifikat adegwatament, l-alternattivi disponibbli għall-finanzjament tas-servizz universali, filwaqt li lill-Istati Membri titħallielhom l-għażla tal-mekkaniżmi finanzjarji li għandhom jintużaw. Dawn l-alternattivi jinkludu l-użu ta' proċeduri ta' akkwist pubbliku u, kull meta l-obbligi ta' servizz universali jinvolvu spejjeż netti u jirrappreżentaw piż inġust għall-impriża nnominata, kumpens pubbliku u qsim ta' l-ispejjeż bejn il-fornituri u/jew konsumaturi, f'modi trasparenti u permezz ta' kontribuzzjonijiet lejn fond ta' kumpens. ***L-Istati Membri jistgħu jużaw mezzi oħra ta' finanzjament permessi mid-Dritt Komunitarju, pereżempju billi jiddeċiedu li l-profitti maqlugħa minn attivitajiet oħra tal-fornituri tas-servizz universali barra mill-ambitu tas-servizzi universali għandhom imorru, totalment jew parzjalment, għall-finanzjament ta' l-ispejjeż netti tas-servizz universali, dejjem sakemm dawn ikunu kompatibbli ma' din id-Direttiva.***

(18) Il-finanzjament estern ta' l-ispejjeż residwi netti għad jista' jkun meħtieġ għal xi Stati Membri. Għalhekk, jixraq li jiġu speċifikati biċ-ċar, safejn hu neċessarju u ġustifikat adegwatament, l-alternattivi disponibbli għall-finanzjament tas-servizz universali, filwaqt li lill-Istati Membri titħallielhom l-għażla tal-mekkaniżmi finanzjarji li għandhom jintużaw. Dawn l-alternattivi jinkludu ***ż-żamma ta' żona riservata***, l-użu ta' proċeduri ta' akkwist pubbliku u, kull meta l-obbligi ta' servizz universali jinvolvu spejjeż netti u jirrappreżentaw piż inġust għall-impriża nnominata, kumpens pubbliku u qsim ta' l-ispejjeż bejn il-fornituri u/jew konsumaturi, f'modi trasparenti u permezz ta' kontribuzzjonijiet lejn fond ta' kumpens.

## Ġustifikazzjoni

*Iż-żoni riżervati m'għandhomx jiġu esklużi mill-finanzjament ta' l-obbligi tas-servizz universali sakemm il-Kummissjoni ma tkunx wettqet studju komplet fil-metodi ta' finanzjament. Ir-referenza għas-sussidji reċiproċi (cross-subsidies) mill-fornitur tas-servizz universali għandha titneħħa għax din toħloqlu piż inġust fl-aktar swieq kompetittivi.*

Emenda mressqa minn Andrea Losco

Emenda 34  
PREMESSA 24

(24) F'kuntest ta' kompetizzjoni totali, huwa importanti, kemm għall-ekwilibriju finanzjarju tas-servizz universali kif ukoll biex jiġi limitat ix-xkiel għas-suq, li t-tbegħid mill-prinċipju li l-prezzijiet jirriflettu l-kondizzjonijiet u l-ispejjeż kummerċjali normali jseħħ biss sabiex jitħarsu l-interessi pubbliċi. ***Biex dan isir, jeħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jkunu awtorizzati li jżommu tariffi uniformi għall-tariffa postali bil-biċċa, li hu s-servizz użat l-iktar ta' spiss mill-konsumaturi u l-impriżi żgħar u medji. L-Istati Membri individwali jistgħu wkoll japplikaw tariffi uniformi għal xi oġġetti postali oħra, għal raġunijiet marbuta mal-ħarsien ta' l-interess pubbliku ġenerali, bħall-aċċess għall-kultura jew il-koeżjoni soċjali u reġjonali.***

(24) F'kuntest ta' kompetizzjoni totali, huwa importanti, kemm għall-ekwilibriju finanzjarju tas-servizz universali kif ukoll biex jiġi limitat ix-xkiel għas-suq, li t-tbegħid mill-prinċipju li l-prezzijiet jirriflettu l-kondizzjonijiet u l-ispejjeż kummerċjali normali jseħħ biss sabiex jitħarsu l-interessi pubbliċi.

Or. it

## Ġustifikazzjoni

*Ir-referenzi għal tariffi uniformi għandhom jiġu ristretti kemm jista' jkun sabiex l-operaturi preżenti jkunu jistgħu jgawdu mill-istess flessibilità fil-politika dwar il-prezzijiet bħall-operaturi li qed jikkompetu magħhom. Dan jigarantixxi li l-operaturi kollha fis-suq igawdu minn kundizzjonijiet ugwali għall-provvista tas-servizzi tagħhom u, b'mod partikulari, regolamenti uniformi li japplikaw għal kulħadd.*

Emenda 35  
PREMESSA 24

(24) F'kuntest ta' kompetizzjoni **totali**, huwa importanti, **kemm għall-ekwilibriju finanzjarju tas-servizz universali kif ukoll biex jiġi limitat ix-xkiel għas-suq, li t-tbeġhid** mill-prinċipju li l-prezzijiet jirriflettu l-kondizzjonijiet u l-ispejjeż kummerċjali normali **jseħħ biss sabiex jitħarsu l-interessi pubbliċi**. Biex dan isir, jeħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jkunu awtorizzati li jżommu tariffi uniformi għall-tariffa postali bil-biċċa, li hu s-servizz użat l-iktar ta' spiss mill-konsumaturi u l-impriżi żgħar u medji. L-Istati Membri individwali jistgħu wkoll jkomplu japplikaw tariffi uniformi għal xi oġġetti postali oħra, għal raġunjet marbuta mal-ħarsien ta' l-interess pubbliku ġenerali, bħall-aċċess għall-kultura jew il-koeżjoni soċjali u reġjonali.

(24) F'kuntest ta' kompetizzjoni **qawwiya**, huwa importanti **li jiġi żgurat li l-fornituri tas-servizz universali jingħataw il-flessibilità meħtieġa fl-iffissar tal-prezzijiet sabiex ikun hemm garanzija ta' forniment ta' servizz universali finanzjarjament vijabbli. Għalhekk huwa importanti li jiġi żgurat, minn naħa, li l-Istati Membri jimponu biss tariffi skond** il-prinċipju li l-prezzijiet jirriflettu d-domanda normali kummerċjali u l-ispejjeż **f'dawn il-każijiet limitati**. Biex dan isir, jeħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jkunu awtorizzati li jżommu tariffi uniformi għall-tariffa postali bil-biċċa, li hu s-servizz użat l-iktar ta' spiss mill-konsumaturi u l-impriżi żgħar u medji. L-Istati Membri individwali jistgħu wkoll jkomplu japplikaw tariffi uniformi għal xi oġġetti postali oħra, għal raġunjet marbuta mal-ħarsien ta' l-interess pubbliku ġenerali, bħall-aċċess għall-kultura jew il-koeżjoni soċjali u reġjonali. **Il-prinċipju ta' pprezzar orjentat ma' l-ispejjeż m'għandux iwaqqaf lill-operaturi responabbli li jipprovdu s-servizz universali milli japplikaw tariffu uniformi għas-servizzi pprovduti bħala parti minn dak is-servizz universali.**

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa xieraq li jiġu evalwati l-implikazzjonijiet ta' l-għażla tal-liberalizzazzjoni progressiva għall-prinċipji dwar it-tariffi applikabbli għall-fornituri tas-servizz universali għax dik il-liberalizzazzjoni trid tkun akkumpanjata mill-flessibilità meħtieġa sabiex il-fornitur tas-servizz universali jkun jista' jiffaċċja l-kompetizzjoni u mill-possibilità li jsir aġġustament għad-domanda tas-suq.*

Emenda mressqa minn Jean-Paul Gauzès

Emenda 36  
RECITAL 24 A (NEW)

***(24a) Min-naħa l-oħra, il-kundizzjonijiet tat-tariffi li huma suġġetti għalihom is-servizzi tal-fornituri tas-servizz universali għandhom jiġu llaxkati sabiex l-intrapriżi, dawk li jibgħatu ammonti kbar ta' posta u dawk li jikkonsolidaw il-posta għal klijenti differenti jkunu jistgħu jidħlu fir-rotta tal-posta fpunti differenti.***

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa xieraq li jiġu evalwati l-implikazzjonijiet ta' l-għażla tal-liberalizzazzjoni progressiva għall-prinċipji dwar it-tariffi applikabbli għall-fornituri tas-servizz universali għax dik il-liberalizzazzjoni trid tkun akkumpanjata mill-flessibilità meħtieġa sabiex il-fornitur tas-servizz universali jkun jista' jgawdi minn kundizzjonijiet ugwali.*

Emenda mressqa minn Gunnar Hökmark

Emenda 37  
PREMESSA 25

***(25) Fid-dawl ta' l-ispeċifitàjiet nazzjonali involuti fir-regolamentazzjoni tal-kundizzjonijiet li fihom il-fornitur tas-servizz universali responsabbli għandu jopera f'kundest totalment kompetittiv, jixraq li l-Istati Membri jitħallew liberi li jiddeċiedu l-aħjar mod kif jimmonitorjaw is-sussidji reċiproċi.*** ***imħassar***

Or. en

Emenda mressqa minn Andrea Losco

Emenda 38  
PREMESSA 25

**(25) Fid-dawl ta' l-ispeċifitàjiet nazzjonali** **(25) Fid-dawl ta' l-ispeċifitàjiet nazzjonali**



involuti fir-regolamentazzjoni tal-kondizzjonijiet li fihom il-fornitur tas-servizz universali responsabbli għandu jopera f'kuntast totalment kompetittiv, jixraq **li l-Istati Membri jitħallew liberi li jiddeċiedu l-aħjar mod kif jimmonitorjaw is-sussidji reċiproċi.**

involuti fir-regolamentazzjoni tal-kondizzjonijiet li fihom il-fornitur tas-servizz universali responsabbli għandu jopera f'kuntast totalment kompetittiv, jixraq **li l-fornituri tas-servizz universali jitħallew liberi li jadottaw il-flessibilità tal-prezz - fil-qafas tas-servizz universali - filwaqt li jqisu l-ispejjeż u l-livelli ta' kompetizzjoni differenti fl-oqsma differenti tas-suq.**

Or. it

### *Ġustifikazzjoni*

*F'suq miftuħ kollu kemm hu għall-kompetizzjoni, il-fornituri tas-servizz universali għandu jkollhom garanzija ta' flessibilità fil-prezzijiet sabiex ikunu fil-pożizzjoni li jikkompetu għenwinament ma' operaturi oħra u jadattaw għall-ħtiġijiet tas-suq.*

*Meta operaturi ġodda jidħlu fis-suq, iġibu magħhom pressjoni ogħla fil-kompetizzjoni għall-fornituri tas-servizz universali fis-setturi tas-suq li jħallu l-akbar qligħ.*

### Emenda mressqa minn Gunnar Hökmark

#### Emenda 39 PREMESSA 26

(26) Fid-dawl tat-tranżizzjoni lejn suq totalment kompetittiv, jixraq li l-Istati Membri jkomplu jkunu meħtieġa li jibqgħu jżommu l-obbligu li l-fornituri tas-servizz universali jżommu kontijiet separati u trasparenti, suġġetti għall-adattamenti meħtieġa. Dan l-obbligu għandu jipprovdi l-awtoritajiet nazzjonali regolatorji, l-awtoritajiet għall-kompetizzjoni u l-Kummissjoni bit-tagħrif meħtieġ għall-adozzjoni ta' deċizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-servizz universali u għall-monitoraġġ tal-kondizzjonijiet ġusti tas-suq sakemm il-kompetizzjoni ssir effettiva. Il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali regolatorji għandhom jagħtu l-kontribut tagħhom għall-applikazzjoni armonizzata ta' dawn ir-regoli billi jkomplu jiżviluppaw kriterji ta' referenza u linji gwida f'dan il-qasam.

(26) Fid-dawl tat-tranżizzjoni lejn suq totalment kompetittiv **u sabiex ikun żgurat li s-sussidji reċiproċi mis-servizzi universali għas-servizzi mhux universali ma jaffettwawx ħażin il-vantaġġ kompetittiv ta' dawn ta' l-aħħar**, jixraq li l-Istati Membri jkomplu jkunu meħtieġa li jibqgħu jżommu l-obbligu li l-fornituri tas-servizz universali jżommu kontijiet separati u trasparenti, suġġetti għall-adattamenti meħtieġa. Dan l-obbligu għandu jipprovdi l-awtoritajiet nazzjonali regolatorji, l-awtoritajiet għall-kompetizzjoni u l-Kummissjoni bit-tagħrif meħtieġ għall-adozzjoni ta' deċizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-servizz universali u għall-monitoraġġ tal-kondizzjonijiet ġusti tas-suq sakemm il-kompetizzjoni ssir effettiva. Il-koperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali regolatorji sabiex ikomplu jiżviluppaw kriterji ta' referenza u linji

gwida f'dan il-qasam għandha  
tikkontribwixxi għall-applikazzjoni  
armonizzata ta' dawn ir-regoli.

Or. en

Emenda mressqa minn Zsolt László Becsey

Emenda 40  
PREMESSA 27 A (ġdida)

***(27a) Billi l-parti l-kbira tas-servizzi tal-posta huma diġà miftuħa għall-kompetizzjoni, il-fornitur tas-servizz universali f'oqsma riżervati wkoll huwa espost għall-kompetizzjoni minn utenti ta' teknoloġiji ġodda tal-komunikazzjoni, bħas-sistema tal-posta elettronika, u dan iwassla lill-fornitur tas-servizz universali biex jimmodernizza u jagħti struttura ġdida lill-attivitàjiet tiegħu.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa fatt li l-kompetizzjoni hija miftuħa fil-parti l-kbira tas-servizzi postali. L-utenti tat-teknoloġiji ġodda tal-komunikazzjoni jgħallqu ċerta kompetizzjoni għall-fornitur tas-servizz universali f'qasam riżervat, u għalhekk iwassluh biex jimmodernizza u jagħti struttura ġdida lill-attivitàjiet tiegħu.*

Emenda mressqa minn Ieke van den Burg and Bernhard Rapkay

Emenda 41  
PREMESSA 32

(32) L-awtoritajiet nazzjonali regolatorji għandhom, fejn meħtieġ, jikkoordinaw l-azzjonijiet tagħhom mal-korpi regolatorji ta' l-Istati Membri l-oħra u mal-Kummissjoni fit-twettiq ta' xogħolhom skond din id-Direttiva. Dan għandu jipromwovi l-iżvilupp tas-suq intern għas-servizzi postali u jgħin biex tintlaħaq koerenza fl-applikazzjoni, fl-Istati Membri kollha, tad-

(32) L-awtoritajiet nazzjonali regolatorji għandhom, fejn meħtieġ, jikkoordinaw l-azzjonijiet tagħhom mal-korpi regolatorji ta' l-Istati Membri l-oħra u mal-Kummissjoni fit-twettiq ta' xogħolhom skond din id-Direttiva. Dan għandu jipromwovi l-iżvilupp tas-suq intern għas-servizzi postali u jgħin biex tintlaħaq koerenza fl-applikazzjoni, fl-Istati Membri kollha, tad-

dispożizzjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva, partikolarment meta l-leġislażzjoni nazzjonali li timplimenta d-dritt Komunitarju tagħti l-awtoritajiet nazzjonali regolatorji setgħat diskrezzjonali konsiderevoli għall-applikazzjoni tar-regoli kkonċernati. Din il-kooperazzjoni tista' ssir, fost oħrajn, fil-Kumitat imwaqqaf mid-Direttiva 97/67/KE jew f'grupp li jlaqqa' r-regolaturi Ewropej. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu liema korpi huma l-awtoritajiet nazzjonali regolatorji għall-għanijiet ta' din id-Direttiva.

dispożizzjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva, partikolarment meta l-leġislażzjoni nazzjonali li timplimenta d-dritt Komunitarju tagħti l-awtoritajiet nazzjonali regolatorji setgħat diskrezzjonali konsiderevoli għall-applikazzjoni tar-regoli kkonċernati. Din il-kooperazzjoni tista' ssir, fost oħrajn, fil-Kumitat imwaqqaf mid-Direttiva 97/67/KE jew f'grupp li jlaqqa' r-regolaturi Ewropej. ***Dak il-kumitat għandu jikkordina proċeduri ta' sorveljanza rigward l-obbligi tas-servizz universali, il-fondi tal-kumpens u l-istandards tax-xogħol.*** L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu liema korpi huma l-awtoritajiet nazzjonali regolatorji għall-għanijiet ta' din id-Direttiva.

Or. en

### *Ġustifikazzjoni*

*Il-konsolidazzjoni u l-attivitajiet transkonfinali fis-suq postali jeħtieġu sorveljanza adegwata, kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll fuq livell ta' l-UE.*

Emenda mressqa minn Jean-Paul Gauzès

Emenda 42  
PREMESSA 34

(34) Sabiex il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jibqgħu infurmati dwar l-iżvilupp tas-suq intern għas-servizzi postali, il-Kummissjoni għandha regolarment tissottometti rapporti lil dawk l-istituzzjonijiet dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 97/67/KE.

(34) Sabiex il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jibqgħu infurmati dwar l-iżvilupp tas-suq intern għas-servizzi postali, il-Kummissjoni għandha regolarment tissottometti rapporti lil dawk l-istituzzjonijiet dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 97/67/KE. ***Fir-rapport tagħha li jmiss, u żgur li mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010, il-Kummissjoni se tinkludi evalwazzjoni ta' l-effettività tal-metodi ta' l-iffinanzjar proposti mid-Direttiva u ta' kemm huma adattati għall-ħtiġijiet ta' l-utent tal-kamp ta' applikazzjoni tas-servizz universali, fuq il-bażi ta' konsultazzjoni wiesgħa mal-partijiet interessati u ta' studji xierqa.***

*Ġustifikazzjoni*

*Il-Kummissjoni għandha tagħmel evalwazzjoni sħiħa tal-metodi ta' l-iffinanzjar sabiex tiggarrantixxi s-servizz universali qabel ma tneħħi ż-żona riżervata.*

Emenda mressqa minn Katerina Batzeli

Emenda 43  
PREMESSA 34

(34) Sabiex il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jibqgħu infurmati dwar l-iżvilupp tas-suq intern għas-servizzi postali, il-Kummissjoni għandha regolarment tissottometti rapporti lil dawk l-istituzzjonijiet dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 97/67/KE.

(34) Sabiex il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jibqgħu infurmati dwar l-iżvilupp tas-suq intern għas-servizzi postali, il-Kummissjoni għandha regolarment tissottometti rapporti lil dawk l-istituzzjonijiet dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 97/67/KE. ***Fir-rapport tagħha li jmiss, u żgur li mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010, il-Kummissjoni, wara konsultazzjoni wiesgħa mal-partijiet interessati u studji xierqa, se tinkludi evalwazzjoni sħiħa ta' l-effettività tal-metodi ta' l-iffinanzjar proposti mid-Direttiva u ta' kemm huma adattati għall-ħtiġijiet ta' l-utent tal-kamp ta' applikazzjoni tas-servizz universali.***

*Ġustifikazzjoni*

*Iż-żoni riżervati m'għandhomx jiġu esklużi mill-finanzjament ta' l-obbligi tas-servizz universali sakemm il-Kummissjoni ma tkunx wettqet studju komplet fil-metodi ta' finanzjament.*

Emenda mressqa minn Andrea Losco

Emenda 44  
ARTIKOLU 1, PUNT 2  
Artikolu 2, punt (c), subparagrafu 2 (Direttiva 97/67/KE)

***20. Servizzi pprovduti b'tariffa bil-biċċa:***

***imħassar***

**servizzi postali li għalihom it-tariffa hija stabbilita skond it-termini u l-kondizzjonijiet ġenerali tal-fornituri tas-servizz universali għat-trasport ta' oġġetti postali individwali.**

Or. it

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-referenzi għal tariffi uniformi għandhom jiġu ristretti kemm jista' jkun sabiex l-operaturi preżenti jkunu jistgħu jgawdu mill-istess flessibilità fil-politika dwar il-prezzijiet bħall-operaturi li qed jikkompetu magħhom. Dan jiggarrantixxi li l-operaturi kollha fis-suq igawdu minn kundizzjonijiet ugwali għall-provvista tas-servizzi tagħhom u, b'mod partikulari, regolamenti uniformi li japplikaw għal kulħadd.*

Emenda mressqa minn Jean-Paul Gauzès

Emenda 45

ARTIKOLU 1, PUNT 2, PUNT (A)  
Artikolu 2, punt 6 (Direttiva 97/67/KE)

6. oġġett postali: oġġett indirizzat fil-forma finali li fiha ser jinġarr mill-fornitur tas-servizz postali. Minbarra l-oġġetti ta' korrispondenza, dawk l-oġġetti jinkludu wkoll, pereżempju, kotba, katalogi, gazzetti, perjodiċi u pakketti postali li jkun fihom merkanzija b'valur kummerċjali jew mingħajru;

6. oġġett postali: oġġett indirizzat fil-forma finali li fiha ser jinġarr mill-fornitur tas-servizz postali. Minbarra l-oġġetti ta' korrispondenza **u posta diretta**, dawk l-oġġetti jinkludu wkoll katalogi, gazzetti, perjodiċi u pakketti postali li jkun fihom merkanzija b'valur kummerċjali jew mingħajru;

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Li tinżamm id-definizzjoni ta' posta diretta hu sinjal qawwi ta' rikonoxximent għall-karatteristiċi speċifiċi ta' dan is-suq tas-settur postali.*

Emenda mressqa minn Jean-Paul Gauzès

Emenda 46

ARTIKOLU 1, PUNT 2, PUNT (B)

**(b) il-punt 8 jitħassar**

**imħassar**

*Ġustifikazzjoni*

*Id-definizzjoni ta' posta diretta għada meħtieġa jekk se tinżamm żona riservata. Barra minn hekk, li tinżamm id-definizzjoni ta' posta diretta hu sinjal qawwi ta' rikonoxximent għall-karatteristiċi speċifiċi ta' dan is-suq tas-settur postali.*

Emenda mressqa minn Corien Wortmann-Kool u Karsten Friedrich Hoppenstedt

Emenda 47

ARTIKOLU 1, PUNT 2 A (ġdid)  
Artikolu 3, paragrafu 1 (Direttiva 97/67/KE)

***(2a) L-Artikolu 3(1) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:***

***"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konsumaturi jgawdu d-dritt għal servizz universali li jinvolti l-provediment permanenti ta' servizz postali ta' kwalità speċifikata fil-punti kollha fit-territorju tagħhom bi prezzijiet li jistgħu jintlaħqu mill-konsumaturi kollha.***

***Is-servizzi postali provduti b'tariffa bil-biċċa biss għandhom ikunu parti mis-servizz universali."***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-għan ewlieni tas-Servizz Universali hu li jipproteġi l-interessi tal-konsumaturi fl-Ewropa. Għalhekk, is-Servizz Universali għandu jkun iffukat prinċipalment fuq posta mill-privat għall-privat. Dan ma jinkludix posta tal-massa.*

Emenda mressqa minn Olle Schmidt

Emenda 48

ARTIKOLU 1, Punt 3 A (ġdid)  
Artikolu 3, paragrafu 4 (Direttiva 97/67/KE)

***(3a) L-Artikolu 3(4) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:***

***"4. Kull Stat Membru għandu jadotta il-***

*miżuri neċessarji biex jiżgura li s-servizz universali jinkludi il-faċilitajiet minimi li ġejjin:*

*- il-clearance, l-għażla, it-trasport u t-tqassim ta' oġġetti postali bil-waħda sa żewġ kilogrammi; kif ukoll*

*- il-clearance, l-għażla u t-trasport u t-tqassim ta' servizzi ta' pakketti postali bil-waħda ta' oġġetti reġistrati u oġġetti assigurati.*

Or. en

#### *Ġustifikazzjoni*

*Il-bżonn ta' servizz universali jiġi mwettaq bis-servizz ta' ittri u oġġetti postali bil-waħda.*

Emenda mressqa minn Heide Rühle

Emenda 49

ARTIKOLU 1, PUNT 4

Artikolu 4, paragrafu 1 a (ġdid) (Direttiva 97/67/KEE)

*1a. Kull Stat Membru għandu jinkariga lill-awtorità regolatorja nazzjonali tiegħu bl-obbligu li tiddefinixxi, b'konsultazzjoni mal-partijiet interessati, l-obbligu tas-servizz universali f'aktar dettal, partikularment id-dettalji li jirrigwardaw il-ħin tat-tqassim, il-ġbir u l-frekwenza tat-tqassim, u s-sigurtà u l-kredibilità tas-servizz universali.*

Or. en

#### *Ġustifikazzjoni*

*L-Awtoritajiet Regolatorji Nazzjonali għandhom jingħataw l-inkarigu li jiddefinixxu l-obbligu tas-servizz universali fid-dettal, b'konsultazzjoni mal-partijiet interessati.*

Emenda mressqa minn Olle Schmidt

Emenda 50

ARTIKOLU 1, PUNT 4

Artikolu 4, paragrafu 2 (Direttiva 97/67/KE)

2. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jinnominaw impriża waħda jew aktar bħala fornituri tas-servizz universali għal parti jew it-totalità tat-territorju nazzjonali u għal elementi differenti tas-servizz universali. Kull meta jagħmlu hekk, għandhom jistabbilixxu, skond id-dritt Komunitarju, l-obbligi u d-drittijiet assenjati lilhom u jipubblikawhom. Partikolarment, l-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-kondizzjonijiet li fihom jingħata s-servizz universali jissejsu fuq il-prinċipji ta' l-oġġettività, in-non-diskriminazzjoni, il-proporzjonalità u ta' xkiel minimu għas-suq, u li n-nomina bħala fornituri tas-servizz universali ta' impriża tkun limitata fiż-żmien.

2. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jinnominaw impriża waħda jew aktar bħala fornituri tas-servizz universali għal parti jew it-totalità tat-territorju nazzjonali u għal elementi differenti tas-servizz universali. Kull meta jagħmlu hekk, għandhom jistabbilixxu, skond id-dritt Komunitarju, l-obbligi u d-drittijiet assenjati lilhom u jipubblikawhom. Partikolarment, l-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-kondizzjonijiet li fihom jingħata s-servizz universali jissejsu fuq il-prinċipji ta' l-oġġettività, in-non-diskriminazzjoni, **u** il-proporzjonalità, u li n-nomina bħala fornituri tas-servizz universali tkun limitata fiż-żmien.

Or. en

Emenda mressqa minn Bernhard Rapkay u Ieke van den Burg

Emenda 51

ARTIKOLU 1, PUNT 4

Artikolu 4, paragrafu 2 a (ġdid) (Direttiva 97/67/KEE)

***2a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impriżi fdati bil-provvista tas-servizz universali ikunu konformi ma' l-istandards soċjali minimi, biex jevitaw li jinħolqu kondizzjonijiet instabbli ta' l-impjieg f'dan is-settur.***

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Meta jinfetaħ is-suq għall-kompetizzjoni wieħed irid jiftakar li l-kondizzjonijiet tax-xogħol jitolbu protezzjoni speċjali, partikolarment fir-rigward ta' l-istabbilita' ta' l-impjieg u tad-dħul. Hemm bżonn ikunu garantiti kondizzjonijiet ugwali għall-parteciċipanti kollha tas-suq biex jiġu evitati distorsjonijiet ta' kompetizzjoni.*



Emenda mressqa minn Heide Rühle

Emenda 52

ARTIKOLU 1, PUNT 4

Artikolu 4, paragrafu 2 a (ġdid) (Direttiva 97/67/KEE)

**2a. Stati Membri jistgħu jitolbu l-operatur magħżul li joffri lill-ħaddiema tiegħu id-drittijiet li kienu jgawdu l-ħaddiema mqabba qabel li kieku dawn qalgħu transfer skond it-tifsira tad-Direttiva tal-Kunsill 77/187/KEE ta' l-14 ta' Frar 1977 għat-tqarrib tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar id-drittijiet tal-ħaddiema fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew parti minnhom.**

**1 ĠU L 61, 5.3.1977, p. 26.**

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Hu neċessarju li jkun żgurat il-ħarsien tal-ħaddiema fil-każ li l-attivitajiet ta' l-operatur tas-servizz universali jgħaddu f'idejn operatur ieħor.*

Emenda mressqa minn Astrid Lulling

Emenda 53

ARTIKOLU 1, PUNT 8

Artikolu 7, paragrafu 1 (Direttiva 97/67/KE)

**1. B'effett mill-1 ta' Jannar 2009, l-Istati Membri ma għandhomx jagħtu jew iżommu fis-seħħ id-drittijiet speċjali jew esklussivi għat-twaqqif u l-provvista tas-servizzi postali.** L-Istati Membri jistgħu jiffinanzjaw il-provvista tas-servizz universali skond wieħed jew aktar mill-modi previsti fil-paragrafi 2, 3 u 4, jew skond kwalunkwe mezz ieħor kompatibbli mat-Trattat tal-KE.

1. L-Istati Membri jistgħu jiffinanzjaw il-provvista tas-servizz universali skond modi kompatibbli mat-Trattat tal-KE.

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà, l-Istati Membri għandhom jitħallew jiffinanzjaw l-obbligi li jirriżultaw mis-servizz universali bi kwalunkwe mezz adegwat li hu kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat tal-KE.*

Emenda mressqa minn Katerina Batzeli

Emenda 54

ARTIKOLU 1, PUNT 8

Artikolu 7, paragrafu 1 (Direttiva 97/67/KE)

1. B'effett mill-1 ta' Jannar 2009, l-Istati Membri ma għandhomx jagħtu jew iżommu fis-seħħ id-drittijiet speċjali jew esklussivi għat-twaqqif u l-provvista tas-servizzi postali. L-Istati Membri jistgħu jiffinanzjaw il-provvista tas-servizz universali skond wieħed jew aktar mill-modi previsti fil-paragrafi 2, 3 u 4, jew skond kwalunkwe mezz ieħor kompatibbli mat-Trattat tal-KE.

1. B'effett mill-1 ta' Jannar 2009, l-Istati Membri ma għandhomx jagħtu jew iżommu fis-seħħ id-drittijiet speċjali jew esklussivi ***bħala mezz kif jiffinanzjaw is-servizz universali.*** L-Istati Membri jistgħu jiffinanzjaw il-provvista tas-servizz universali skond wieħed jew aktar mill-modi previsti fil-paragrafi 2, 3 u 4, jew skond kwalunkwe mezz ieħor kompatibbli mat-Trattat tal-KE.

Or. en

Emenda mressqa minn Olle Schmidt

Emenda 55

ARTIKOLU 1, PUNT 8

Artikolu 7, paragrafu 2 (Direttiva 97/67/KE)

2. L-Istati Membri jistgħu jiggarantixxu l-provvista tas-servizzi universali billi jipprovdu dawn is-servizzi skond ir-regoli applikabbli dwar l-akkwist pubbliku.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-provvista ta' servizzi universali billi jipprovdu dawn is-servizzi ***lil dak li jagħmel offerta bl-inqas spejjeż u li hu kapaċi li jwettaq servizzi universali*** skond ir-regoli applikabbli dwar l-akkwist pubbliku.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-Istati Membri għandhom jorganizzaw offerti li jagħtu l-kuntratt lil min jagħmel l-inqas offerta biex jinkoraġġixxu l-effiċjenza u jżommu baxxi l-ispejjeż tal-ħlas.*

Emenda mressqa minn Corien Wortmann-Kool

Emenda 56  
ARTIKOLU 1, PUNT 8  
Artikolu 7, paragrafu 2 (Direttiva 97/67/KE)

2. L-Istati Membri jistgħu jiggarrantixxu l-provvista tas-servizzi universali billi jipprovdu dawn is-servizzi skond ir-regoli applikabbli dwar l-akkwist pubbliku.

2. ***F'każ ta' ħlas***, l-Istati Membri ***għandhom*** jiżguraw il-provvista tas-servizzi universali billi jipprovdu dawn is-servizzi skond ir-regoli applikabbli dwar l-akkwist pubbliku.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Jekk ma jkunx hemm impriża lesta li tipprovdi s-servizz universali mingħajr ħlas, proċedura dwar l-akkwist pubbliku tista', f'każi ta' ħlas, tassigura eżitu trasparenti, effettiv u effiċjenti.*

Emenda mressqa minn Corien Wortmann-Kool

Emenda 57  
ARTIKOLU 1, PUNT 8  
Artikolu 7, paragrafu 3, subparagrafu 1 (Direttiva 97/67/KE)

3. Jekk Stat Membru jqis li l-obbligi ta' servizz universali stabbiliti minn din id-Direttiva jinvolvu spejjeż netti u jirrappreżentaw piż finanzjarju inġust għall-fornitur(i) tas-servizz universali, jista':

3. Jekk Stat Membru jqis li l-obbligi ta' servizz universali stabbiliti minn din id-Direttiva jinvolvu spejjeż netti u jirrappreżentaw piż finanzjarju inġust għall-fornitur(i) tas-servizz universali ***u ma jkun hemm l-ebda impriża li tkun trid tipprovdi s-servizz universali mingħajr ħlas***, jista':

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Mekkaniżmi ta' ħlas kif deskritti f'paragrafu 7.3 (a) u (b) għandhom jiġu kkunsidrati biss jekk ma jkunx hemm impriża lesta li tipprovdi s-servizz universali mingħajr ħlas. Jekk impriża lesta li tipprovdi s-servizz universali mingħajr ħlas, proċedura dwar l-akkwist pubbliku ma jkunx hemm bżonnha (ara AM 2).*

Emenda mressqa minn Gunnar Hökmark

Emenda 58

ARTIKOLU 1, PUNT 8

Artikolu 7, paragrafu 4 (Direttiva 97/67/KE)

4. Jekk l-ispejjeż netti jinqasmu skond il-paragrafu 3(b), l-Istati Membri jistgħu joħolqu fond ta' kumpens li jista' jiġi ffinanzjat mill-fornituri tas-servizz u/jew permezz ta' tariffi applikati lill-konsumaturi, u amministrat għal dan l-iskop minn korp indipendenti mill-benefiċjarju jew il-benefiċjarji. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu l-għoti ta' awtorizzazzjonijiet lill-fornituri tas-servizz skond l-Artikolu 9(2) suġġett għall-obbligu li tingħata kontribuzzjoni finanzjarja lil dak il-fond jew li tikkonforma ma' l-obbligi tas-servizz universali. Dawk is-servizzi biss imniżżla fl-Artikolu 3 jistgħu jiġu ffinanzjati b'dan il-mod.

4. Jekk l-ispejjeż netti jinqasmu skond il-paragrafu 3(b), l-Istati Membri jistgħu joħolqu fond ta' kumpens li jista' jiġi ffinanzjat mill-fornituri tas-servizz u/jew permezz ta' tariffi applikati lill-konsumaturi, u amministrat għal dan l-iskop minn korp indipendenti mill-benefiċjarju jew il-benefiċjarji. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu l-għoti ta' awtorizzazzjonijiet lill-fornituri tas-servizz skond l-Artikolu 9(2) suġġett għall-obbligu li tingħata kontribuzzjoni finanzjarja lil dak il-fond. Dawk is-servizzi biss imniżżla fl-Artikolu 3 jistgħu jiġu ffinanzjati b'dan il-mod.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Trid issir differenza bejn impriżi maħtura bħala fornituri ta' servizzi universali u fornituri ta' servizzi oħra.*

Emenda mressqa minn Ieke van den Burg u Bernhard Rapkay

Emenda 59

ARTIKOLU 1, PUNT 8

Artikolu 7, paragrafu 4 (Direttiva 97/67/KE)

4. Jekk l-ispejjeż netti jinqasmu skond il-paragrafu 3(b), l-Istati Membri jistgħu joħolqu fond ta' kumpens li jista' jiġi ffinanzjat mill-fornituri tas-servizz u/jew permezz ta' tariffi applikati lill-konsumaturi, u amministrat għal dan l-iskop minn korp indipendenti mill-benefiċjarju jew il-benefiċjarji. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu l-għoti ta' awtorizzazzjonijiet lill-fornituri tas-servizz skond l-Artikolu 9(2) suġġett għall-obbligu li tingħata kontribuzzjoni finanzjarja lil dak il-fond jew li tikkonforma

4. Jekk l-ispejjeż netti jinqasmu skond il-paragrafu 3(b), l-Istati Membri jistgħu joħolqu fond ta' kumpens li jista' jiġi ffinanzjat mill-fornituri tas-servizz u/jew permezz ta' tariffi applikati lill-konsumaturi, u amministrat għal dan l-iskop minn korp indipendenti mill-benefiċjarju jew il-benefiċjarji. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu l-għoti ta' awtorizzazzjonijiet lill-fornituri tas-servizz skond l-Artikolu 9(2) suġġett għall-obbligu **għal kull operatur li jagħmel jew** li tingħata kontribuzzjoni finanzjarja lil

ma' l-obbligi tas-servizz universali. Dawk is-servizzi biss imniżżla fl-Artikolu 3 jistgħu jiġu ffinanzjati b'dan il-mod.

dak il-fond jew li tikkonforma ma' l-obbligi tas-servizz universali. Dawk is-servizzi biss imniżżla fl-Artikolu 3 jistgħu jiġu ffinanzjati b'dan il-mod.

Or. en

### *Ġustifikazzjoni*

*L-Istati Membri ma għandhomx jitħallew jobbligaw lil kull parteċipant fis-suq li jagħti servizz universali; din tagħlaq effettivament l-aċċess għas-suq lil parteċipanti ġodda. "Ħallas jew Ipparteċipa" mhix għażla għal kull Stat Membru, imma hi għażla għal kull operatur individwali fis-suq.*

Emenda mressqa minn Astrid Lulling

Emenda 60

ARTIKOLU 1, PUNT 8

Artikolu 7, paragrafu 5 a (ġdid) (Direttiva 97/67/KEE)

***5a. Fil-każ li xi Stat Membru jikkonsidra li l-ebda wieħed mill-mezzi msemmija hawn fuq ma jiżgura l-finanzjament ta' l-ispejjeż netti tad-dispożizzjoni dwar is-servizz universali fuq bażi permanenti u vijabbli, jista' jkompli jirriserva s-servizzi li ġejjin għall-fornitur(i) tas-servizz universali. Dawk is-servizzi għandhom jiġu limitati għall-clearance, l-għażla, it-trasport u t-tqassim ta' oġġetti ta' korrispondenza domestika u korrispondenza transkonfinali li tidħol, kemm jekk bi tqassim aċċellerat u kemm jekk le, fi ħdan iż-żewġ limiti ta' toqol u ta' prezz li ġejjin.***

***- Il-limitu ta' toqol għandu jkun ta' 50 gramma mill-1 ta' Jannar 2009. Dak il-limitu ta' toqol ma japplikax jekk il-prezz ikun ta' mill-inqas darbtejn u nofs daqs it-tariffa għal oġġett ta' korrispondenza fl-ewwel livell ta' toqol ta' l-iktar kategorija rapida.***

***Sabiex jiġi żgurat il-forniment ta' servizz universali, il-posta diretta tista' tibqa' tiġi riservata fl-istess limiti ta' toqol u ta' prezzijiet.***

*Fil-każ ta' servizz postali b'xejn għall-persuni għomja u persuni parzjalment neqsin mid-dawl, jistgħu jiġu aċċettati eċċezzjonijiet għar-restrizzjonijiet ta' toqol u ta' prezz.*

*Sabiex jiġi żgurat il-forniment ta' servizz universali, pereżempju minħabba l-karatteristiċi speċifiċi partikulari għas-servizzi postali ta' xi Stat Membru, il-posta transkonfinali li tintbagħat tista' tibqa' tiġi riservata fl-istess limiti ta' toqol u prezz.*

Or. en

### *Ġustifikazzjoni*

*Il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport dwar l-effiċjenza tal-metodi differenti kollha tal-finanzjament ta' l-obbligi tas-servizz universali. Sa dak il-waqt, iż-żona riservata għandha tinżamm fuq l-istess termini.*

Emenda mressqa minn Astrid Lulling

Emenda 61

ARTIKOLU 1, PUNT 8

Artikolu 7, paragrafu 5 b (ġdid) (Direttiva 97/67/KE)

*5b. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta reviżjoni sabiex tivvaluta l-effettività tal-metodi ta' finanzjament implimentati minn kull Stat Membru skond l-aqwa prattiki u dwar jekk l-ambitu tas-servizz universali huwiex adegwat biex jilqa' l-ħtiġijiet ta' l-utenti. Fuq il-bażi ta' dik ir-reviżjoni, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, wara konsultazzjoni wiesgħa ma' min hu involut, u mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010, flimkien ma' proposta li tikkonferma, jekk ikun il-każ, l-2012 bħala d-data ta' skadenza biex jitlesta b'mod komplet is-suq intern fis-servizzi postali, jew li tiddefinixxi xi stadju ieħor fid-dawl tal-konklużjonijiet tar-reviżjoni.*

Or. en

## *Ġustifikazzjoni*

*Il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport dwar l-effiċjenza tal-metodi differenti kollha tal-finanzjament ta' l-obbligi tas-servizz universali. Sa dak il-waqt, iż-żona riservata għandha tinżamm fuq l-istess termini.*

Emenda mressqa minn Jean-Paul Gauzès

Emenda 62

ARTIKOLU 1, PUNT 8

Artikolu 7, paragrafu 5 a (ġdid) (Direttiva 97/67/KEE)

***5a. Fejn Stat Membru jikkunsidra li l-ebda waħda mill-arranġamenti msemmija hawn fuq ma tiżgura l-finanzjament ta' l-ispejjeż netti tad-dispożizzjoni tas-servizz universali fuq bażi sostenibbli, hu jista' jkompli jirriserva ċerti servizzi għal fornitur tas-servizz universali magħżul. Dawk is-servizzi għandhom jiġu limitati għall-clearance, l-għażla, it-trasport u t-tqassim ta' oġġetti ta' korrispondenza domestika u korrispondenza transkonfinali li tidħol, kemm jekk bi tqassim aċċellerat u kemm jekk le, bejn iż-żewġ limiti ta' toqol u ta' prezz li ġejjin. Il-limitu ta' toqol għandu jkun ta' 50 gramma mill-1 ta' Jannar 2009. Dan il-limitu ta' toqol ma japplikax jekk il-prezz ikun ta' mill-inqas darbtejn u nofs daqs it-tariffa għal oġġett ta' korrispondenza fl-ewwel livell ta' toqol ta' l-iktar kategorija rapida. Fil-każ ta' servizz postali b'xejn għall-persuni għomja u persuni parzjalment neqsin mid-dawl, jistgħu jiġu aċċettati eċċezzjonijiet għar-restrizzjonijiet ta' toqol u ta' prezz.***  
***- Sabiex jiġi żgurat il-forniment ta' servizz universali, pereżempju minħabba l-karatteristiċi speċifiċi partikulari għas-servizzi postali ta' xi Stat Membru, il-posta transkonfinali li tintbagħat tista' tibqa' tiġi riservata fl-istess limiti ta' toqol u prezz.***

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Il-Kummissjoni għandha tagħmel rapport dwar l-effettività tad-diversi metodi alternattivi ta' finanzjament. Sa dak il-waqt, iż-żona riservata għandha tinżamm fuq l-istess termini bħal dawk imsemmija fid-Direttiva 97/67/KE.*

Emenda mressqa minn Jean-Paul Gauzès

Emenda 63

ARTIKOLU 1, PUNT 8

Artikolu 7, Paragrafu 5 b (ġdid) (Direttiva 97/67/KE)

***5b. Il-Kummissjoni għandha tagħmel studju biex tivvaluta l-effettività tal-metodi kollha ta' finanzjament skond l-aqwa Prattiki applikati fl-Istati Membri u biex tivvaluta jekk is-servizz universali huwiex adattat għall-ħtiġijiet ta' l-utilizzaturi. Fuq il-konklużjonijiet ta' dak l-istudju, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, qabel il-31 ta' Diċembru 2010 u wara konsultazzjoni wiesgħa ma' dawk kollha involuti, flimkien ma' proposta li tikkonferma, jekk ikun il-każ, l-2012 bħala d-data ta' skadenza biex jitlestha b'mod komplet is-suq intern fis-servizzi postali, jew li tiddefinixxi xi stadju ieħor fid-dawl tal-konklużjonijiet ta' l-istudju.***

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Il-Kummissjoni għandha tagħmel rapport dwar l-effettività tad-diversi metodi alternattivi tal-finanzjament. Sa dak il-waqt, iż-żona riservata għandha tinżamm fuq l-istess termini bħal dawk imsemmija fid-Direttiva 97/67/KE.*

Emenda mressqa minn Katerina Batzeli

Emenda 64

ARTIKOLU 1, PUNT 8

Artikolu 7, Paragrafu 5 a (ġdid) (Direttiva 97/67/KE)

***5a. Fil-każ li xi Stat Membru jikkonsidra li***



*l-ebda wieħed mill-mezzi msemija fuq ma jiżgura l-finanzjament ta' l-ispejjeż netti tad-dispożizzjoni dwar is-servizz universali fuq bażi permanenti u vijabbli, jista' jkompli jirriserva s-servizzi li ġejjin għall-fornitur(i) tas-servizz universali.*

*Dawk is-servizzi għandhom jiġu limitati għall-clearance, l-għażla, it-trasport u t-tqassim ta' oġġetti ta' korrispondenza domestika u korrispondenza transkonfinali kemm jekk jidħlu bi tqassim aċċellerat u kemm jekk le, fi ħdan iż-żewġ limiti ta' toqol u ta' prezz li ġejjin.*

*- Il-limitu ta' toqol għandu jkun ta' 50 gramma mill-1 ta' Jannar 2009. Dak il-limitu ta' toqol ma japplikax jekk il-prezz ikun ta' mill-inqas darbtejn u nofs daqs it-tariffa għal oġġett ta' korrispondenza fl-ewwel livell ta' toqol ta' l-iktar kategorija rapida.*

*- Sabiex jiġi żgurat il-forniment ta' servizz universali, il-posta diretta tista' tibqa' tiġi riservata fi ħdan l-istess limiti ta' toqol u ta' prezzijiet.*

*- Fil-każ ta' servizz postali b'xejn għal persuni għomja u persuni parzjalment neqsin mid-dawl, jistgħu jiġu aċċettati eċċezzjonijiet għar-restrizzjonijiet ta' toqol u ta' prezz.*

*- Sabiex jiġi żgurat il-forniment ta' servizz universali, pereżempju minħabba l-karatteristiċi speċifiċi partikulari għas-servizzi postali ta' xi Stat Membru, il-posta transkonfinali li toħroġ tista' tibqa' tiġi riservata fi ħdan l-istess limiti ta' toqol u prezz.*

Or. en

#### *Ġustifikazzjoni*

*Il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport dwar l-effiċjenza tal-metodi differenti kollha tal-finanzjament ta' l-obbligi tas-servizz universali. Sa dak il-waqt, iż-żona riservata għandha tinżamm fuq l-istess termini.*

Emenda mressqa minn Katerina Batzeli

Emenda 65

ARTIKOLU 1, PUNT 8

Artikolu 7, Paragrafu 5 b (ġdid)

***5b. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta reviżjoni sabiex tivvaluta l-effettività tal-metodi ta' finanzjament implimentati minn kull Stat Membru skond l-aqwa prattiki u jekk l-ambitu tas-servizz universali huwiex adegwat biex jilqa' l-ħtiġijiet ta' l-utilizzaturi. Fuq il-bażi ta' dik ir-reviżjoni, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, wara konsultazzjoni wiesgħa ma' min hu involut, u mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010, flimkien ma' proposta li tikkonferma, jekk ikun il-każ, l-2012 bħala d-data ta' skadenza biex jitlestha b'mod komplet is-suq intern fis-servizzi postali, jew li tiddefinixxi xi stadju ieħor fid-dawl tal-konklużjonijiet tar-reviżjoni.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport dwar l-effiċjenza tal-metodi differenti kollha tal-finanzjament ta' l-obbligi tas-servizz universali. Sa dak il-waqt, iż-żona riservata għandha tinżamm fuq l-istess termini.*

Emenda mressqa minn Katerina Batzeli

Emenda 66

ARTIKOLU 1, PUNT 8 A (ġdid)

Artikolu 8 (ġdid) (Direttiva 97/67/KE)

***(8a) L-Artikolu 8 għandu jiġi sostitwit minn dan li ġej:***

***Artikolu 8***

***Id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 7 għandhom ikunu bla preġudizzju għad-dritt ta' l-Istati Membri li:  
- jadottaw leġiżlazzjoni dwar dispożizzjonijiet speċifiċi li japplikaw għall-fornituri tas-servizz universali għall-***

**ħtiġijiet tal-forniment tas-servizz universali, skond kriterji oġġettivi, proporzjonati u li ma jkunux diskriminatorji.**

**- li jorganizzaw it-tqegħid ta' kaxxi ta' l-ittri fit-toroq pubbliċi, il-ħruġ ta' bolli u s-servizz ta' posta reġistrata użata fil-kors ta' proċeduri ġudizzjarji jew amministrattivi skond il-leġiżlazzjoni nazzjonali sabiex jiġi pprovdut servizz universali.**

Or. en

### *Ġustifikazzjoni*

*Jixraq li l-Istati Membri jitħallew jadottaw dispożizzjonijiet speċifiċi favur il-fornituri tas-servizz universali, li jkunu meħtieġa għall-forniment effettiv tas-servizz universali. Il-fornituri tas-servizz universali jibbenefikaw minn ċerti dispożizzjonijiet speċifiċi ta' leġiżlazzjonijiet nazzjonali differenti (pereżempju fil-leġiżlazzjoni dwar it-trasport, l-eċċezzjonijiet għal regoli bħal dawk li ma jħallux trakkijiet jiċċirkolaw il-Ħdud) u jippermettulhom li jipprovdu s-servizz universali skond it-termini speċifikati mill-Istat Membru.*

Emenda mressqa minn Jean-Paul Gauzès

Emenda 67

ARTIKOLU 1, PUNT 8 A (ġdid)

Artikolu 8 (Direttiva 97/67/KE)

**(8a) L-Artikolu 8 tad-Direttiva 97/67/KE għandu jiġi sostitwit minn dan li ġej:**

**'Artikolu 8**

**Id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 7 għandhom ikunu bla preġudizzju għad-dritt ta' l-Istati Membri li:**

**- idaħħlu fil-leġiżlazzjoni nazzjonali dispożizzjonijiet speċifiċi li japplikaw għall-fornituri tas-servizz universali għar-rekwiżiti meħtieġa biex jipprovdu s-servizz universali, skond kriterji oġġettivi, proporzjonati u li ma jkunux diskriminatorji;**

**- jorganizzaw it-tqegħid ta' kaxxi ta' l-ittri fit-toroq pubbliċi, il-ħruġ ta' bolli u s-servizz ta' posta reġistrata użata fil-kors ta' proċeduri ġudizzjarji jew amministrattivi skond il-leġiżlazzjoni nazzjonali sabiex jiġi**

*pprovdut servizz universali.*

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Jixraq li l-Istati Membri jitħallew jagħmlu dispożizzjonijiet speċifiċi għall-fornituri tas-servizz universali li jkunu ġustifikati mill-ħtieġa biex jibqgħu jiġi pprovdut is-servizz universali. Il-fornituri tas-servizz universali tabilħaqq jibbenefikaw minn ċerti dispożizzjonijiet speċifiċi ta' leġiżlazzjonijiet nazzjonali differenti (pereżempju l-leġiżlazzjoni dwar it-trasport) li jkunu ġustifikati mir-rekwiżiti tas-servizz universali.*

Emenda mressqa minn Olle Schmidt

Emenda 68

ARTIKOLU 1, PUNT 10

Artikolu 9, Paragrafu 2 (Direttiva 97/67/KE)

2. Għal servizzi li jaqgħu fl-ambitu tas-servizz universali kif definit fl-Artikolu 3, l-Istati Membri jistgħu jintroduċu proċeduri ta' awtorizzazzjoni, inklużi liċenzji individwali, sal-limitu meħtieġ biex tiġi garantita konformità *mal-rekwiżiti* essenzjali u biex jiġi salvagwardat is-servizz universali.

2. Għal servizzi li jinsabu fl-ambitu tas-servizz universali kif definit fl-Artikolu 3, l-Istati Membri jistgħu jintroduċu proċeduri ta' awtorizzazzjoni, inklużi liċenzji individwali, sal-limitu meħtieġ biex tiġi garantita konformità *mar-rekwiżiti* essenzjali u biex jiġi salvagwardat is-servizz universali. ***Dawn ir-rekwiżiti, madankollu, la għandhom ikunu disproporzjonati u lanqas inġusti.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-Istati Membri m'għandhomx jintroduċu miżuri li jkunu disproporzjonati jew inġusti sabiex iżommu fil-prattika monopolji antiki.*

Emenda mressqa minn Gunnar Hökmark

Emenda 69

ARTIKOLU 1, PUNT 10

Artikolu 9, Paragrafu 2, Subparagrafu 2 (Direttiva 97/67/KE)

L-għoti ta' l-awtorizzazzjonijiet jista':

***Kull meta l-Istati Membri jinnominaw impriża waħda jew iktar bħala fornitur(i) tas-servizz universali skond l-Artikolu 4(2),***

L-għoti ta' l-awtorizzazzjonijiet **għal dawn l-impriżi** jista':

Or. en

Emenda mressqa minn Heide Rühle

Emenda 70

ARTIKOLU 1, PUNT 10

Artikolu 9, Paragrafu 2, Subparagrafu 2 (Direttiva 97/67/KE)

L-għoti ta' l-awtorizzazzjonijiet jista':

fejn xieraq, ikun suġġett għall-obbligi ta' servizz universali,

jekk meħtieġ, jimponi rekwiżiti li jirrigwardaw il-kwalità, id-disponibilità u l-prestazzjoni tas-servizzi rilevanti,

fejn xieraq, ikun suġġett għal obbligu li jagħti kontribuzzjoni finanzjarja lill-mekkaniżmi ta' qsim imsemmija fl-Artikolu 7.

L-għoti ta' l-awtorizzazzjonijiet jista':

- ikun suġġett għall-obbligi ta' servizz universali,

- jimponi rekwiżiti li jirrigwardaw il-kwalità, id-disponibilità u l-prestazzjoni tas-servizzi rilevanti; **sakemm dawn ikunu kompatibbli mal-liġi Komunitarja u jkunu indikati fl-istedina għall-offerti jew fl-ispeċifikazzjonijiet, dawn ir-rekwiżiti jista' jkollhom x'jaqsmu b'mod partikolari ma' l-istandards soċjali jew ambjentali,**

**- ikun suġġett għall-obbligu li joffri lill-ħaddiema tiegħu dawk id-drittijiet li kienu jgawdu l-ħaddiema mqabbla qabel li kieku dawn ikunu ħadu transfer skond it-tifsira tad-Direttiva 77/187/KEE.**

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Hu neċessarju li l-Istati Membri espliċitament jitħallew jimponu rekwiżiti soċjali u ambjentali b'mod partikolari, f'konformità mad-direttivi ta' l-2004 dwar il-provvisti pubbliċi. Aktar minn hekk, hu neċessarju li jkun żgurat il-ħarsien tal-ħaddiema fil-każ li l-attivitajiet ta' l-operatur tas-servizz universali jgħaddu f'idejn operatur ieħor.*

Emenda mressqa minn Jean-Paul Gauzès

Emenda 71

ARTIKOLU 1, PUNT 10

Artikolu 9, Paragrafu 2, Subparagrafu 2 (Direttiva 97/67/KE)

L-għoti ta' l-awtorizzazzjonijiet jista':

L-għoti ta' l-awtorizzazzjonijiet jista':

fejn xieraq, ikun suġġett għall-obbligi ta' servizz universali,

- fejn xieraq, ikun suġġett għall-obbligi ta' servizz universali,

- fejn xieraq, ikun suġġett għall-obbligu li jagħti kontribuzzjoni finanzjarja lill-mekkaniżmi ta' qsim imsemmija fl-Artikolu 7.

**- jawtorizza lill-fornituri tas-servizz postali li jagħżlu bejn l-obbligu li jipprovdu element jew aktar tas-servizz universali jew li jagħtu kontribuzzjoni finanzjarja lill-mekkaniżmi tal-qsim imsemmija fl-Artikolu 7 għall-finanzjament tal-forniment ta' dawk l-elementi,**

- jekk meħtieġ, jimponi rekwiżiti li jirrigwardaw il-kwalità, id-disponibilità u l-prestazzjoni tas-servizzi rilevanti,

fejn xieraq, ikun suġġett għal obbligu li jagħti kontribuzzjoni finanzjarja lill-mekkaniżmi ta' qsim imsemmija fl-Artikolu 7.

Or. fr

#### *Ġustifikazzjoni*

*Jixraq li tiġi ċċarata l-possibilità li l-Istati Membri jistabilixxu mekkaniżmi ta' awtorizzazzjoni li jippermettu lill-fornituri tas-servizzi postali li jagħżlu li jipprovdu obbligu jew aktar tas-servizz universali jew li jikkontribwixxu finanzjarjament lill-fornitur tas-servizz universali biex jipprovdi dawk l-obbligi. Dan iżid iċ-ċertezza legali għal dawk l-Istati Membri li jkunu jixtiequ jistabilixxu sistemi regolatorji 'pay or play'.*

Emenda mressqa minn Gunnar Hökmark

Emenda 72

ARTIKOLU 1, PUNT 10

Artikolu 9, Paragrafu 2, Subparagrafu 2 (Direttiva 97/67/KE)

***L-għoti ta' awtorizzazzjonijiet lill-fornituri ta' servizz minbarra l-fornituri nnominati tas-servizz universali, jista' jkun suġġett, fejn xieraq, għall-obbligu li tingħata kontribuzzjoni finanzjarja lill-mekkaniżmu ta' qsim imsemmi fl-Artikolu 7.***

***L-intrapriżi jistgħu jagħżlu bejn l-obbligu li jikkontribwixxu għall-mekkaniżmu ta' qsim***

***jew li joqogħdu għall-obbligu ta' servizz  
universali.***

Or. en

Emenda mressqa minn Gunnar Hökmark

Emenda 73

ARTIKOLU 1, PUNT 10

Artikolu 9, Paragrafu 2, Subparagrafu 3, Inċiż 2 (Direttiva 97/67/KE)

***għall-istess rekwiżiti fil-qasam tal-kwalità,  
id-disponibilità u r-rendiment, jimponi fuq  
fornitur tas-servizz obbligi tas-servizzi  
universali, rekwiżiti ta' kwalità,  
disponibilità u rendiment u, fl-istess ħin, l-  
obbligu li jagħti kontribuzzjonijiet  
finanzjarji lil mekkaniżmu ta' qsim,***

***imħassar***

Or. en

Emenda mressqa minn Jean-Paul Gauzès

Emenda 74

ARTIKOLU 1, PUNT 13

Artikolu 11a (Direttiva 97/67/KE)

***(13) Jiddaħħal l-Artikolu 11a li ġej:***

***imħassar***

***'Artikolu 11a***

***Kull meta jkun meħtieġ, biex jitħares l-  
interess tal-konsumaturi u/jew tiġi  
promossa kompetizzjoni effettiva, u fid-  
dawl tal-kondizzjonijiet nazzjonali, l-Istati  
Membri għandhom jiggarrantixxu li l-  
kondizzjonijiet ta' aċċess għal dawn l-  
elementi li ġejjin ta' infrastruttura jew  
servizzi postali jkunu trasparenti u mhux  
diskriminatorji: sistema ta' kodiċi postali,  
database ta' l-indirizzi, kaxxi postali, kaxxi  
ta' ġbir u ta' kunsinna, informazzjoni dwar  
il-bidla fl-indirizz, servizz ta' twassil mill-  
għdid, servizz ta' ritorn lill-mittenti.'***

*Ġustifikazzjoni*

*Dwar din il-kwistjoni mhix neċessarja l-armonizzazzjoni fil-livell Komunitarju għaliex f'xi Stati Membri ttieħdu miżuri speċifiċi biex l-operaturi postali jkollhom aċċess għal ċerta infrastruttura ta' l-operatur tas-servizz universali skond ir-rekwiżiti u l-karatteristiċi tas-settur postali nazzjonali.*

Emenda mressqa minn Gunnar Hökmark

Emenda 75

ARTIKOLU 1, PUNT 13

Artikolu 11a (Direttiva 97/67/KE)

Kull meta jkun meħtieġ, biex jitħares l-interess tal-konsumaturi u/jew tiġi promossa kompetizzjoni effettiva, u fid-dawl tal-kondizzjonijiet nazzjonali, l-Istati Membri għandhom jiggarantixxu li l-kondizzjonijiet ta' aċċess għal dawn l-elementi li ġejjin ta' infrastruttura jew servizzi postali jkunu trasparenti u mhux diskriminatorji: sistema ta' kodiċi postali, *database ta' l-indirizzi*, kaxxi postali, kaxxi ta' ġbir u ta' kunsinna, informazzjoni dwar il-bidla fl-indirizz, servizz ta' twassil mill-ġdid, servizz ta' ritorn lill-mittenti.'

Kull meta jkun meħtieġ, biex jitħares l-interess tal-konsumaturi u/jew tiġi promossa kompetizzjoni effettiva, u fid-dawl tal-kondizzjonijiet nazzjonali, l-Istati Membri għandhom jiggarantixxu li l-kondizzjonijiet ta' aċċess għal dawn l-elementi li ġejjin ta' infrastruttura jew servizzi postali jkunu trasparenti u mhux diskriminatorji: sistema ta' kodiċi postali, *bażi tad-dejta għall-indirizzi*, kaxxi postali, kaxxi *tal-ġbir* u *tal-kunsinna*, ***servizzi ta' tqassim***, informazzjoni dwar il-bidla fl-indirizz, servizz ta' twassil mill-ġdid, servizz ta' ritorn lill-mittenti.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-aċċess għal netwerk ta' tqassim mal-pajjiż kollu huwa kruċjali għal dħul effettiv fis-suq postali.*

Emenda mressqa minn Andrea Losco

Emenda 76

ARTIKOLU 1, PUNT 14

Artikolu 12, Punt (b) (Direttiva 97/67/KE)

'- il-prezzijiet għandhom ikunu orjentati *lejn* l-ispejjeż u jstimolaw il-gwadanji fl-effiċjenza; ***kull meta jkun meħtieġ għal***

- il-prezzijiet għandhom ikunu orjentati *ma'* l-ispejjeż; ***il-fornituri tas-servizz universali jistgħu jaġġustaw il-prezzijiet tagħhom***



*raġunijiet relatati ma' l-interess pubbliku, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li tariffa uniformi tiġi applikata għat-territorju kollu tagħhom u/jew għat-territorji ta' Stat Membri oħra, għal servizzi pprovduti b'tariffa bil-biċċa u għal oġġetti oħra,'*

*sabiex jadattaw is-servizzi li joffru fi ħdan il-qafas tas-servizz universali skond id-domanda tas-suq, filwaqt li jqisu l-ispejjeż differenti u l-livelli tal-kompetizzjoni fis-setturi differenti tas-suq;*

Or. it

#### *Ġustifikazzjoni*

*F'suq miftuħ kollu kemm hu għall-kompetizzjoni, il-fornituri tas-servizz universali għandu jkollhom garanzija ta' flessibilità fil-prezzijiet sabiex ikunu fil-pożizzjoni li jikkompetu ġenwinament ma' operaturi oħra u jadattaw għall-ħtiġijiet tas-suq. Meta operaturi ġodda jidħlu fis-suq, iġibu magħhom pressjoni ogħla fil-kompetizzjoni għall-fornituri tas-servizz universali fis-setturi tas-suq li jħallu l-akbar qligħ.*

Emenda mressqa minn Katerina Batzeli

Emenda 77

ARTIKOLU 1, PUNT 15

Artikolu 14, Paragrafu 3 a (ġdid) (Direttiva 97/67/KE)

*3a. Fejn Stat Membru jkompli jirriserva ċerti servizzi skond il-provediment ta' l-Artikolu 7 paragrafu 6, il-fornitur tas-servizz universali għandu jżomm kontijiet separati fi ħdan is-sistema interna tiegħu ta' kontabilità għall-inqas għal kull wieħed mis-servizzi fi ħdan is-settur riservat fuq naħa waħda, u għal dawk is-setturi li m'humiex riservati fuq naħa oħra. Il-kontijiet għas-servizzi mhux riservati għandhom jiddistingwu b'mod ċar bejn is-servizzi li huma parti mis-servizz universali u dawk li m'humiex. Sistemi interni ta' kontabilità bħal dawn għandhom joperaw fuq il-bażi ta' prinċipji ta' kontabilità li jiġġustifikaw l-ispejjeż oġġettivament.*

Or. en

#### *Ġustifikazzjoni*

*Jidher li l-impożizzjoni ta' sistemi ta' kontabilità bħal dawn huma ġustifikati meta l-fornitur tas-servizz universali jirċievi finanzjament speċifiku. Pereżempju, hi ħaġa loġika li jinżammu kontijiet separati sakemm tiġi pprovduta żona riservata.*

Emenda mressqa minn Olle Schmidt

Emenda 78

ARTIKOLU 1, PUNT 20

Artikolu 22 a (ġdid) (Direttiva 97/67/KE)

***1. Meta awtorità regolatorja nazzjonali jkollha l-ħsieb li timponi miżura li timponi obbligi fuq il-fornituri ta' servizz imsemmija fl-Artikolu 9(1) jew (2), din għandha tinforma lill-Kummissjoni, u tagħti r-raġunijiet kif ukoll l-abbozz tal-miżura fil-qosor. Kull deċiżjoni li tirrendi miżuri bħal dawn permanenti jew li ttawllilhom iż-żmien għandha tkun suġġetta għad-dispożizzjonijiet ta' Paragrafi 1 u 2.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex jiżguraw li l-Kummissjoni tkun tista' taġixxi kif jixraq jekk Stat Membru jkun irid jinforza xi regoli jew miżuri biex jipproteġi l-monopolji u b'hekk ma jħallix li jseħħ is-suq intern, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom ikunu mġiegħla jissottomettu tagħrif dwar l-azzjoni tagħhom.*